MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1003/2005

**Giuseppa Grech**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attrici fid-19 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Fic-certifikat tal-mewt ta' Giuseppe Maria Grech iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru tmienja, disa', sitta tas-sena elfejn u hamsa (896/2005) (hawn anness u mmarkat Dok A) fil-kolonna fejn hemm indikat jekk hux *"mizzewweg/mizzewwga jew le, armel jew armla"*, kunjom l-attrici xebba gie erronjament imnizzel bhala *'Fenech'* flok *'Frendo'*;

Fil-fatt kunjom l-attrici Giuseppa Grech ta' xebba huwa *'Frendo'* u mhux *'Fenech'* kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid u taz-zwieg taghha (estratti hawn annessi u mmarkati Dok B u Dok C rispettivament);

L-attrici ghandha interess li ssir id-debita korrezzjoni;

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi m'ghandhiex:

1. tordnalu sabiex jikkoregi c-certifikat tal-mewt minnu mahrug, bin-numru tmienja disa' sitta tas-sena elfejn u hamsa (896/2005), liema certifikat jirreferi ghall-mewt ta' Giuseppe Maria Grech, fis-sens illi fil-kolonna ndikata *"Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla"* il-kunjom ta' xebba ta' l-attrici hemm hekk indikata bhala *'Fenech'*, jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom *'Frendo'*.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha ecepixxa illi:

1. L-esponent ma joggezzjonax illi ssir korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Giuseppe Maria Grech li hu registrat fir-Registru Pubbliku f'Malta u li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 896 tas-sena 2005.

2. Ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tal-Mewt *in kwistjoni* mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti *stante* illi l-procedura titlob li l-persuna li taghmel d-dikjarazzjoni tal-mewt ghandha l-obbligu li taghti l-informazzjoni lill-ufficcjal pubbliku fid-Dipartiment ta' Registrazzjoni Civili.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-attrici twieldet fid-19 ta' Ottubru, 1920, bhala bint Carmelo Frendo. Meta zzewget fis-17 ta' Settembru, 1944, hija giet registrata bhala Giuseppa Frendo bint Carmelo Frendo u Marianna Fenech. Jirrizulta, *pero'*, li meta miet zewgha Giuseppe Maria Grech, u dan fit-2 ta' Marzu, 2005, dan gie registrat, fic-certifikat tal-mewt tieghu numru 896/2005, bhala r-ragel ta' Giuseppa nee' Fenech. Dan hu zball ghax jirrizulta car, anke mill-provi testimonjali, li l-kunjom tal-attrici ta' meta kienet xebba kien u baqa' Frendo. *Kwindi* t-talba ghall-korrezzjoni ghandha tintlaqa.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, l-attrici tghid li l-izball kien tal-konvenut u, *kwindi*, hi m'ghandhix tbati spejjez. Iben l-attrici, r-Reverendu Angelo Grech, jghid li meta miet missieru, kull m'ghamel kien li kkonsenja f'idejn l-iskrivan li jahdem mal-konvenut ic-certifikat tal-mewt mahrug mill-isptar, u la intalab u la ta' informazzjoni ohra. X'kien fih dan ic-certifikat, *pero'*, ma jirrizultax, izda peress li hemm probabilita' li l-izball seta' sar minn ufficcjali tal-konvenut, tajjeb li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jirrizulta li avviz ta' din il-kawza gie debitament ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ottubru, 2005, qabel il-presentata tan-nota tal-eccezzjonijiet, u, allura, ma kellhux ghalfejn jissoleva din il-htiega.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba tal-attrici u tordna l-korrezzjoni mitluba.

Fic-cirkustanzi, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------